# Il-Ġuspatronati Ekkleżjastiċi fil-Għasri

studju dokumentat ta'
Dun Joe Bezzina B.A. (Hons.) H.E.D.

## Daħla:

Il-flus mhumiex kollox fil-ħajja, iżda bla flus, igħid il-Malti, la tgħannaq u lanqas tbus. Jiġifieri qajla tista' tagħmel ħwejjeġ jekk ma jkollox il-boqxiex. Jekk dan igħodd għall-individwu, igħodd ukoll għall-knisja. Fi żmien li f'Malta u Għawdex kien hawn faqar kbir, anki l-knejjes kienu mneżżħa minn kollox. Mhux qegħdin ngħidu għal fided u deheb, iżda għal ħwejjeġ inqas prezzjużi u li mingħajrhom wieħed qajla igħaddi.

Biżżejjed wieħed iqalleb il-Viżti Pastorali li għamlu l-Isqfijiet fis-seklu sittax biex wieħed jinduna b'dawn in-nuqqasijiet. Sabu kappelli u knejjes mingħajr bibien u twieqi għax ikunu serquhom il-furbani. L-art ħafna drabi kienet tat-torba mingħajr ċangatura u kullimkien mimli ħmieġ u trab. Oħrajn kellhom osqfa jqattru u tista' tara l-qamar minn bejn il-fili. Kienu jinsabu f'din il-qagħdha mhux għax missirijietna ma kinux iħobbu l-knejjes tagħhom, iżda għax ma kellhomx flus biex isewwuhom u jtejbulhom il-kundizzjoni tagħhom. Għandu xorti kellhom biex jitrejqu huma u uliedhom.

Konxji minn dan, xi sinjuri u benestanti kienu fit-testment tagħhom iħallu xi biċċa raba' jew proprjetà immobbli oħra biex mill-qligħ li jsir mill-kiri tagħhom ikunu jistgħu isiru t-tiswijiet meħtieġa fil-kappelli u fl-istess waqt isir xi quddies u talb għal ruħhom. Tal-għotja tagħhom il-knisja kienet tagħti lill-fundatur u lill-werrieta tiegħu ċerti drittijiet bħal, ngħidu aħna, li jagħżlu huma l-persuna biex tamministra l-proprjetà; li jagħżlu huma l-qassis li kellu itemm il-piżijiet spiritwali tal-fundazzjoni; u li kellhom dritt jieħdu lura l-proprjetà, jekk il-kundizzjonijiet ma jkunux mitmuma skond ix-xewqa tagħhom.

## Il-Ġuspatronti:

Fl-1282, Malta u Għawdex għaddew taħt l-Aragoniżi u kien fi żmienhom li bdew jitwaqqfu dawn il-fundazzjonijiet li fit-terminoloġija ekkleżjastika jirreferu għalihom bħala **ġuspatronat.** Il-**ġuspatronat** jirreferi proprjament għall-jedd legali tal-fundatur fuq il-fundazzjoni jew il-benefizzju li jkun waqqaf u fuq il-piżijiet marbutin miegħu. Id-dritt fuq il-benefizzju kien jingħatalu mill-knisja b'radd ta' ħajr tal-benevolenza tiegħu favur il-knisja. Bil-Malti, il-fundazzjoni jew benefizzju kollu kemm hu jissejjaħ ukoll **ġuspatronat.**

Fl-inħawi tal-Għasri kien hemm tmien bċejjeċ ta' raba' li kienu jifformaw parti minn ġuspatronati. Dawn jinsabu reġistrati, fost l-oħrajn, f'manuskritt tas-sena 1758 li jġib l-isem ta' *Giuliana delli Beneficij positi nell'Isola del Gozzo fatta da me*

*Beneficiato Lorenzo Chircop-Muscat, Casal Chircop, 1758,* u li kopja tiegħu tinsab fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex.

Se nagħtu ħarsa ħafifa lejn dawn il-ġuspatronati fil-Għasri fl-ordni kronoloġika tat-twaqqif tagħhom.

### 1 • Il-Ġuspatronat *tal-Għolja ta' Għammar* jew *tal-Lampa* jew *ta' San Nikola ta' Dbieġi u ta' Għammar* [1446]

Il-fundatur kien Michaele Caduni u twaqqaf fit-testment tiegħu magħmul fl-atti ta' Nutar Andrea de Beniabin, nhar id-19 ta' Mejju, 1446. Fit-testment ħalla bħala eredi universali tiegħu li kien jikkonsisti f'biċċa raba' fuq il-għolja ta' Għammar. Fuqhom kien hemm l-obbligu li jixgħelu lampier u jorganizzaw il-festa ta' San Mikiel nhar id-29 ta' Settembru fil-knisja dedikata lilu fil-kontrada ta' l-Għarb. Il-ġuspatronat magħruf ukoll bħala ***tal-Muntanja*** kien imiss mill-Lvant ma' triq pubblika, minn Nofsinhar ma' beni tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, mill-Punent ma' ta' Caduni, u mit-Tramuntana ma' ġuspatronat ieħor imsejjaħ ta' Cantaria [*f.*445].

### 2 • Il-Ġuspatronat *ta' Kalimeri* fuq l-għolja ta' Għammar [1475]

Il-fundatur kien Ianuzzo Calimera bin il-mejjet Ġentili Calimera. Twaqqaf fit-testment tiegħu magħmul nhar il-11 ta' Mejju, 1475, fl-atti tan-Nutar Andrea de Beniamino. Kien jikkonsisti f'biċċa art ta' nofs salma deskritta bħala *terra aratoria,* art li setgħet tingħażaq fuq il-għolja ta' Għammar fil-limiti tal-Għarb. Mid-dħul fuq din il-biċċa raba' kellha ssirlu quddiesa fil-knisja ta' Santa Marija (li mhix speċifikata iktar). L-ewwel qassis li gawda dan id-dħul kien ċertu Dun Angelo Xelluchi, in-neputi tal-Fundatur [*f.*853].

### 3 • Il-Ġuspatronat *is-Sined ta' Għajn Futni* [Xagħra] flimkien mal-għalqa *ta' Siepa* fil-kontrada ta' Għasri u Żebbuġ [ante 1482]

Dan il-ġuspatronat jidher irreġistrat għall-ewwel darba f'reġistru tal-beneficċji nhar il-5 ta' Jannar, 1482 meta kien konċess minn Dun Enrico de Biscaris lil Dun Micheaele Falsone, Vigarju Ġenerali tal-prokuratur tal-Familja De Nasis. Dan kien imwaqqaf mill-Manifku Antonio de Nasis u kien jikkonsisti minn żewġ biċċiet raba' waħda f'Għajn Futni u l-oħra ta' Siepa taħt ir-riħ ta' l-għolja taż-Żebbuġ fil-kontrada tal-Għasri. Ir-raba' tal-Għasri kien imiss mil-Lvant ma' proprjetà ta' Antonio bin Ioanne Moituf, minn Nofsinhar ma' ta' Laurentio Albangi, mill-Punent ma' ta' Mastru Mapuellus Apap, u mit-Tramuntana ma' triq pubblika. Fuq iż-żewġ proprjetajiet kien hemm piż ta' ċelebrazzjoni ta' quddiesa fil-Knisja Matriċi [*f.*335-336].

### 4 • Il-Ġuspatronat *ta' Bita Adelen* jew *ta' Odelen* fil-kontrada ta' Għammar jew Sieq Tarġa [ante 1488]

Dan il-ġuspatronat jidher irreġistrat għall-ewwel darba f'reġistru tal-Kanċellerija Reali tas-sena 1488. Però hu biss minn reġistrazzjoni tas-sena ta' wara (1489) li nafu li dan kien ta' fondazzjoni reġja, jiġifieri kien fundat direttament mill-Gvern Aragoniż, li dik il-ħabta kienu l-mexxejja ta' dawn il-gżejjer, u fuq proprjetà tal-Gvern. Dik il-ħabta kien jingħata mill-Viċi-Re ta' Sqallija. Kien jinsab preċiżament



Il-quċċata ta' l-għolja Ta' Għammar; għolja li fl-antik, kien hemm marbuta magħha diversi Ġuspatronati Ekkleżjastiċi

fil-kontrada ta' San Lawrenz ta' Għammar u kien jikkonsisti minn biċċa raba' ta' erba' salmi li mil-Lvant kienet tmiss ma' triq pubblika, minn Nofsinhar ma' beni ta' Bernardo Macedonia, mill-Punent ma' biċċa moxgħa, u mit-Tramuntana ma' ta' Matteolo Zahara. Minn wara l-1530, dan il-ġuspatronat beda jingħata mill-prinċpijiet ġodda ta' Malta u Għawdex, il-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann [*f.*736].

**5 • Il-Ġuspatronat *ta' Wied il-Mielaħ* u *il-Ħabel ta' Dun Lawrenz* fil-kontrada ta' Ħabel il-Mielaħ [20 ta' Frar, 1509]**

Dan il-ġuspatronat twaqqaf minn Don Antonio Apap fit-testment tiegħu magħmul fl-atti ta' Nutar Pino Saliba nhar il-20 ta' Frar, 1509. Il-ġuspatronat twaqqaf fuq għalqa tad-dwieli f'Wied il-Mielaħ. Minn dokumenti posterjuri nafu li kienet tmiss mil-Lvant ma' raba' ta' Ġanni Dalli, mit-Tramuntana mal-werrieta ta' Anton Cortina, mill-Punent ma' gandott għall-ilma tax-xita, u min-Nofsinhar ma' raba' ta' Pawlu Mifsud. Kien hemm l-obbligu li kull nhar ta' Sibt titqaddes quddiesa kantata għall-unur tal-Verġni Imqaddsa Marija meqjuma fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex [*f.*177].

**6 • Il-Ġuspatronat *ta' Wied il-Mielaħ* fil-kontrada ta' Wied il-Mielaħ [25 ta' Ottubru, 1519]**

Il-fundatur ta' dan il-ġuspatronat kien Nicolò Teuma u jinsab reġistrat fl-atti ta' Nutar Pino Saliba nhar il-25 ta' Ottubru, 1519. Kien jissemma wkoll *il-Ħabel*. Fuqu kien hemm l-obbligu li titqaddes quddiesa darba fil-ġimgħa fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Kien jikkonsisti f'żewġ biċċiet raba' magħquda ma' xulxin li, minn dokumenti posterjuri, nafu li kellhom kejl ta' tmint itmiem. Kienu jmissu mil-Lvant ma' raba' ta' Pietru Apap, min-Nofsinhar ma' triq pubblika, mill-Punent ma' gandott għall-ilma tax-xita, u mit-Tramuntana ma' raba' ta' Pietru Apap [*f.*183].

**7 • Il-Ġuspatronat *ta' San Stiefnu ta' Sepa* fil-kontrada ta' Sieq Tarġa jew tal-Għasri [1545]**

Il-fundatur kien Stefano Mintuf u kien ġà mwaqqaf fis-sena 1545. Kienet tikkonsisti f'biċċa art li mil-Lvant kienet tmiss ma' beni ta' Anġlu Parnis, mil-Lvant ma' triq pubblika, mit-Tramuntana ma' ta' Guliermu de Manuele, u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u gandott tax-xita. Dan jirriżulta minn xhieda mogħtija mir-rettur tal-ġuspatronat Andrea de Federico fit-3 ta' Settembru, 1545. Il-Fundatur kien obbliga lir-rettur biex jitlob għal ruħu [*f.*807].

**8 • Il-Ġuspatronat *ta' Lażżru* fil-kontrada tal-Għasri jew Sieq Tarġa [1613]**

Il-fundatur kien Pontio Manuele u twaqqaf fis-sena 1613. Kien jikkonsisti f'żewġ biċċiet art imissu ma' xulxin li mil-Lvant kienu jmissu ma' Mariano Stivala, min-Nofsinhar ma' beni ta' l-eredi tal-mejjet Martin Cachia, duttur taż-Żewġ Liġijiet, mill-Punent ma' Ġerarda, bint Anġlu Parnis, u mit-Tramuntana ma' beni ta' Antonio Apap, u minn żewġ biċċiet art oħra fl-istess kontrada li jmissu mil-Lvant mar-raba' ta' l-imsemmi Antonio Apap, min-Nofsinhar ma' ta' xi ħadd mhux magħruf, mill-Punent ma' ta' Damian Cassar, u mit-Tramuntana ma' ta' Battista Gabdaglio [*f.*630].